28 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Francesco Bezzina *versus* Giuseppe Fenech pr. et ne.

**Ċessjoni — Prezz — Nullità — Mandat "ad exigendum" — Prokura "ad litem" — Kjamata fil-kawża — Art. 1968 tal-Kodiċi Ċivili**

*Ċessjoni ta' kreditu fejn iċ-ċessjonarju jobliga ruħu li jħallas liċ-ċedent il-prezz taċ-ċessjoni wara li huwa jkun eżiġa u daħħal interament il-kreditu lilu ċedut, hija nulla, skond il-ġurisprudenza tagħna, għax mingħajr prezz, u tirriduċi ruħha għal sempliċi prokura "ad litem" jew "ad exigendum".*

*Iċ-ċessjonarju, mbgħad, ma jistgħax jidher fil-kawża biex jeżiġi l-oġġett taċ-ċessjoni nulla bħala mandatarju taċ-ċedent, jekk dan ikun preżenti f'dawn il-Gżejjer; u jekk dan ikollu nteress fil-meritu tal-kawża, jeħtieġ li jiġi msejjaħ biex ikun parti fl-istess kawża.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzioni, li biha l-attur, wara li talab biex jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, u wara li ppremetta illi l-attur ġie nkarigat mill-konvenut Giuseppe Fenech u minn Alfred Lewis, li in segwitu ċeda d-drittijiet tiegħu lill-istess konvenut Giuseppe Fenech, sabiex jaġixxi ta' sensal (għalkemm kienu ġa huma bla riżultat qegħdin jaġixxu ta' sensala) għall-bejgħ tad-dar nri. 128 u 129 Valley Road, Birkirkara; u illi l-konvenut Giuseppe Fenech pr. et ne. ppretenda illi s-senserija kellha tiġi korrisposta lilu pr. et ne. in kwantu għal żewġ terzi, u terz lill-attur — pretensjoni li l-attur irrespinġa bħala eżaġerata, għaliex kien hu li effettivament aġixxa ta' sensal u kkonkluda l-operazzjoni bejn il-kumpratur u l-venditur; u illi, bħala konsegwenza tal-aġir tal-konvenut Fenech, il-kumpratur Michael Borg u l-venditur

Antonio Micallef De Caro, b'ċedola ta' depożitu nru. 246 tal-1 ta' Diċembru 1953 fl-ismijiet "Antonio Micallef De Caro et. vs. Francesco Bezzina et." (dok. A), iddepożitaw taħt l-awtorità ta' din il-Qorti s-somma ta' £62.1.5, ċjoè d-dritt tas-senserija wara deduzzjoni tal-ispejjeż tad-depożitu (£1.18.7), biex tingħata lil min għandu d-dritt bejn l-intimandi, ċjoè l-attur u l-konvenut pr. et ne. u Thomas Borg, wara li jħallu riċevuta skond il-liġi; u illi l-konvenut Thomas Borg ma għandu ebda dritt għal ebda kwota mid-dritt tas-senserija, billi la ffunzjona ta' sensal u lanqas ma għamel ebda att li almenu bħala sensal jintitolah għal ebda sehem mis-senserija fuq imsemmija; talab (1) li l-konvenut Thomas Borg jiġi dikjarat u deċiż li ma jmissu ebda sehem mis-senserija għall-bejgħ tal-fond imsemmi 128/129 Valley Road, Birkirkara, u konsegwentement ma jmissu ebda sehem mid-depożitu hawn taħt imsemmi, li għandu jiġi żbankat skond kif jiġi deċiż f'din il-kawża mill-kontendenti l-oħrajn, ċjoè l-attur u l-konvenut Giuseppe Fenech pr. et ne. inattiża kwalunkwe oppożizzjoni tal-istess Thomas Borg; (2) li jiġu likwidati minn din il-Qorti l-kwoti rispettivi mill-imsemmi depożitu b'ċedola nru. 246 tal-1 ta' Diċembru 1953 fl-ismijiet "Antonio Micallef De Caro et. vs. Francesco Bezzina et." li jmissu lill-attur Francesco Bezzina u lill-istess konvenut Giuseppe Fenech pr. et ne.; (3) u li jiġi dikjarat u deċiż minn dil-Qorti illi s-somma ta' £61.1.5 bilanċ tas-senserija għall-bejgħ tal-fond fuq imsemmi, li tinsab depożitata taħt l-awtorità ta' dil-Qorti biċ-ċedola fuq imsemmija, għandha tiġi perċepita u żbankata mill-attur u mill-imsemmi konvenut Giuseppe Fenech fil-proporzjon tal-kwoti li lilhom jiġu minn dil-Qorti, kif superjorment mitlub, likwidati. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkusidrat;**

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni, issottometta (1) illi l-ewwel domanda attriċi, in kwantu diretta esklużi-

vament kontra l-konvenut Borg, li kontra tiegħu l-meritu ta' din l-istanza ġie debitament ċedut, għandha titqies bħala rinunzjata, salv il-kap relattiv tal-ispejjeż, li l-attur żamm ferm anki fil-konfront tal-imsemmi Borg; (2) illi t-tieni domanda attriċi jixirqilha tiġi milqugħa, billi jiġi dikjarat u deċiż li s-somma depożitata bl-imsemmija ċedola tal-1 ta' Diċembru 1953 tispetta kwantu għal terz lill-attur u kwantu għaż-żewġ terzi rimanenti lill-konvenut Fenech; (3) u illi t-tielet domanda attriċi jixirqilha, per konsegwenza, tiġi akkolta wkoll, billi jiġi dikjarat u deċiż li s-somma ta' £62.1.5, erroneament indikata bħala £61.1.5 fl-att taċ-ċitazzjoni, depożitata biċ-ċedola fuq riferita, għandha tiġi perċepita u żbankata mill-attur u mill-konvenut Giuseppe Fenech fil-proporzjon indikata fil-paragrafu (2);

Illi l-konvenut Giuseppe Fenech jinsab imħarrek mhux biss f'ismu proprju, iżda anki bħala ċessjonarju ta' Alfred Lewis; u f'din l-aħħar kwalità dan Fenech jippretendi li għandu jikkonsegwixxi t-terz tas-somma kif fuq depożitata; għalhekk, għad li s'issa ħadd mill-kontendenti ma qanqal il-kwistjoni dwar jekk il-konvenut Fenech jistgħax jinvoka dik il-kwalità ta' ċessjonarju, il-Qorti, fuq il-possibilità prospettata mill-perit legali fir-relazzjoni tiegħu (fol. 76), li Alfred Lewis seta' u għad jista' jiġi msejjaħ fil-kawża, tħoss li hu xieraq li teżamina jekk ġuridikament iċ-ċessjoni saretx u jekk hijiex valida skond il-liġi;

Illi bi skrittura privata tal-11 ta' Novembru 1953 (fol. 42) Alfred Lewis ċeda lil Giuseppe Fenech il-kreditu tiegħu ta' £21.6.8, ċjoè it-terza parti tas-senserija in kwistjoni, bil-prezz ta' £20, "li ċ-ċessjonarju jobliga ruħu li jħallas liċ-ċedent wara li hu jkun eżiġa u daħħal interament il-kreditu lilu ċedut". Ċessjoni simili ta' drittijiet, skond il-ġurisprudenza tagħna, hija nulla, għax mingħajr prezz, u tirriduċi ruħha għal sempliċi prokura "ad litem", jew "ad exigendum" (Kollez. XXIV-I-218; XXXI-I-652); bil-konsegwenza illi l-konvenut Fenech ma jistgħax jidher fil-kawża anki

għal Alfred Lewis li jinsab f'dawn il-Gżejjer (art. 1968 Kod. Ċiv.). U billi dan Lewis għandu nteress fid-depożitu in kwistjoni, u si tratta kif għandu jiġi ripartit dak id-depożitu, jeħtieġ li huwa jkun parti fil-kawża (arg. art. 417 Proċ. Ċiv.).

Għal dawn il-motivi;

Prevja d-dikjarazzjoni illi ċ-ċessjoni riżultanti mill-iskrittura tal-11 ta' Novembru 1953 hija nulla bħala ċessjoni, u tammonta għal mandat "ad exigendum";

Tordna illi, a kura u spejjeż provviżorjament tal-attur, jiġi msejjaħ fil-kawża l-imsemmi Alfred Lewis, biex jidher fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 1957; għal liema ġurnata qegħedha tiġi differita l-kawża;

Spejjeż riżervati għad-deċiżjoni finali.